**8 ta' Ġunju, 1964**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can, LL.D.**

George Xuereb

versus

Carmelo Pace

*Skond il liġi hu permess li wieħed jobbliga ruħu għal-ħaġa li għandha tiġi eżegwita minn ħaddieħor: iżda dik l-obbligazzjoni hi vinkolanti "inter contraentes", u ikollha kwindi effett legali biss, jekk tiġi ratifikata minn dik il persuna l-oħra li tista teżegwiha: jekk dik il persuna ma tirrikonoxxix dik l-obligazzjoni l-istess tibqa mingħajr effett.*

*Ir-ratifika ma tistax issir taċitament, għax dejjem jeħtieġ l-att pubbliku f'każ simili.*

*Hu ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza li meta wieħed għandu motiv ġust biex jirriselixxi minn dik il-promessa, ma tistax*

*il parti l-oħra, bir-rimozzjoni ta' dak il-motiv, wara li jkun skada ż-żmien tal-promessa, tobbligah jeżegwiha.* ... ...

**PROMESSA TA' XIRI — PROMESSA "DE RATO" — RATIFIKA — ART. 1042 KODIĊI ĊIVILI.**

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur wara li ppremetta li l-konvenuti obbligaw ruħhom li jixtru mingħand l-attur it-terran numru tlieta u disgħajn (93) Azzopardi Street, Marsa, sottopost għall-bini ta' l-attur u miegħu għandu dranaġġ komuni u l-ilma tax-xita tal-fond sovrastanti jaqa fil-bitħa tat-terran in kwistjoni li għandu wkoll servitu ta' twieqi li jħarsu ġol-bitħa, kif soġġett għar-rata tiegħu ta' żewġ liri (£2.0.0) fis-sena ċens perpetwu, u dana bil-prezz ta' tmien mija u ħamsin lira (£850) u bil-kondizzjonijiet l-oħra kollha ndikati fil-konvenju tat-tmienja (8) ta' Mejju, 1961, li kopja tiegħu tinsab annessa maċ-ċitazjoni u li l-konvenuti, nonostante li ġew interpellati uffiċjalment b'ittra uffiċjali tas-seba (7) ta' Awissu, 1961, naqsu li jaddivienu għall-pubblikazjoni tal-kuntratt relativ — promessa kull dikjarazjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun — talab li l-konvenuti jiġu kundannati li jaddivienu għall-pubblikazjoni ta' l-att tat-trasferiment tat-terran numru tlieta u disgħin (93) Azzopardi Street, Marsa, fuq imsemmi billi jiġi nominat Nutar biex jippublika l-att ta' trasferiment u kuraturi biex jirrappresentaw il-kontumaċi fuq l-istess att. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-seba (7) ta' Awissu, 1961;

Rat in-nota ta' l-eċċezjonijiet tal-konvenuti li biha qalu li:—

1. Id-domanda attriċi hija nfondata billi l-attur mhux f'posizzjoni li jibiegħ il-fond intier b'titolu ċert;

2. Subordinatament li il-prezz stipulat fil-konvenju kien ta' tmin mija u ħamsin lira (£850.0.0) u mhux ta' elf tmien mija u ħamsin lira (£1850.0.0); b'riserva ta' eċċezjonijiet oħra;

Rat il-verbal tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru, 1961, li minnu jidher li l-attur ta'ab il-korrezzjoni ta' l-att taċ-ċitazjoni dwar il-prezz tal-post ċioe li titbiddel iċ-ċiffra u kliem ta' elf tmin mija u ħamsin lira (£1850) fiċ-ċiffra u kliem ta' tmin mija u ħamsin lira (£850) u d-digriet tal-Qorti fuq indikata minn fejn jidher li ġiet fil-fatt ordnata l-korrezzjoni peress li deher ċar li l-iżball kien "lapsus calami".

Rat l-ulterjuri nota tal-eċċezjoni tal-konvenuti tas-sitta (6) ta' Frar, 1962, li biha qalu li subordinatament u mingħajr preġudizju għall-eċċezjoni ġa mogħtija, in kwantu għall-konvenuti Paola u Giovanni aħwa Pace l-attur ma għandu ebda dritt ta' azzjoni billi huma ma obbligawx ruħhom miegħu, u illi fil-konfront tal-konvenut l-ieħor Carmelo Pace it-talba attriċi hija inattendibbili billi fl-att ta' konvenju msemmi fiċ-ċitazjoni huwa obbliga ruħu għalih u għall-ħutu u għalhekk għandu forsi xi azzjoni oħra, ma jistax jitlob kif qed jagħmel li l-konvenuti jiġu kundannati jaddivienu għall-pubblikazzjoni tal-att ta' trasferiment tat-terran in kwistjoni, b'riserva ta' eċċezjonijiet oħra;

Rat il-verbal tas-sbatax (17) ta' Marzu, 1962 minn fejn jidher li l-avukat tal-konvenuti rrinunzja għall-aħħar eċċezjoni, ulterjuri minnhom mogħtija;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq indikata fl-ewwel (1) ta' Frar, 1964, li biha t-talbiet ta' l-atturi ġew milqugħa u ġie nominat in-nutar dottor Vincenzo Maria

Pellegrini biex jirċievi u jippublika l-att meħtieġ u l-avukat dottor Francis Saviour Vassallo ġie nominat kuratur biex jirrappreżenta lil kontumaċi u ġie ordnat illi stante il-kwistjoni ta' dritt nvoluta l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mil-konvenuti — wara li dik il-Qorti kkunsidrat:

Li l-konvenuti jibbażaw l-opposizjoni tagħhom li jaddivienu għall-pubbliikazjoni tal-kuntratt tal-akkwist tatterran in kwistjoni fuq il-motiv li l-attur m'huwiex f'posizjoni li jbiegħ il-fond intier b'titolu ċert. Dina l-eċċezjoni ġiet minnhom ulterjorment amplijata u spiegata fis-sens li rriżulta mit-trattazjoni u mill-kuntratt tat-tmientax (18) ta' Diċembru, 1929, li l-aventi kawża tal-attur, kienu akkwistaw il-fond mingħand Gio Batta Schembri għan-nom tiegħu proprju u ta' wliedu, u fosthom bi promessa "de rato" għall-assenti Ruggiero, u ta' Giulia Scalpello li kienet toqgħod il-Ħamrun;

Li ma jidherx li hemm kwistjoni bejn il-kontendenti dwar l-entita u l-provenienza tal-fond; dina nfatti tirriżulta mill-atti esibiti mnejn jidher li l-venditur George Xuereb kien akkwista mingħand Laurence Scicluna proprio et nomine tlett kwarti (¾) ndiviżi tal-fond; u l-kwart (¼) l-ieħor mill-eredita illikwida ta' Conċetta Scicluna.

Li rrisulta wkoll li dana l-fond, flimkien ma' ieħor adjaċenti numru 95 li m'huwiex oġġett ta' dina l-kawża, kienu mbnew, minn Carmelo Scicluna waqt iż-żwieġ, fuq porzjon ta' art minnu akkwistata b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa mingħand Gio Batta Schembri u oħrajn b'kuntratt riċevut min-Nutar Angelo Cachia fit-tmintax (18) ta' Ottubru, 1929.

Li l-kwistjoni li għandha tiġi risoluta hija dik rigwar-

danti l-obbligazzjoni 'de rato' assunta mill-konċedenti Gio Batta Schembri għan-nom ta' tnejn minn uliedu, Ruggiero u Ersilia Sralpello;

Li fit-trattazjoni orali l-avukat tal-attur issottometta li l-promessa "de rato" mhiex kondizjoni, iżda assunzjoni ta' mandat da parti ta' min jidher fuq l-att; u, għalhekk, billi għaddew aktar minn tletin sena li l-fond kien ilu f'idejn il-venditur, il-proprjetarji tal-kwota trasferita bil-promessa "de rato" huma preklusi milli jirrivendikawha mill-attwali possessur anki in vista tal-preskrizzjoni kontemplata mill-artikolu 2248 tal-Kodiċi Ċivili;

Li l-obbligazzjoni tal-promessa "de rato" ma tistax tiġi ekwiparata għall-assunzjoni ta' mandat mingħajr il-kunsens espress tal-mandanti.

(a) għaliex, il-mandat huwa kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha (art. 1958 (1) tal-Kod. Ċiv.).

(b) Għaliex is-setgħa kontemplata preċendentement, sabiex isiru trasferimenti ta' beni għandha tkun espressa (art. 1962 (2) ibid).

(c) għaliex il-mandant mhux obbligat għal dak li l-mandatorju jkun għamel barra mil-limiti ta' dawk is-setgħat, ħlief jekk ikun irratifika espressament jew taċitament dak l-egħmil (art. 1982 (2) ibid.);

Li, billi ma jeżistix il-mandat, għaliex b'ebda mod ma ġie pruvat li min aġixxa għan-nom tal-konċedenti kellu attwalment dina l-fakolta, mhux il-każ li tiġi affrontata l-kwistjoni tal-aċċess u tar-ratifika espressa jew taċita fuq indikata. Infatti, josserva Laurent: "La ratifica implica

un mandato ecceduto e nella specie non v'è mandato non vi è niente (Dto. Civile. Vol. XXVIII, 69).

Li, għalhekk, anqas jidher applikabili l-prinċipju tal-preskrizzjoni sollevata mill-attur, tant jekk dina tiġi konsidrata bħala estintiva jew bħala akwisitiva; għaliex l-azjoni tal-proprjetarju biex jieħu dak li huwa tiegħu ma tista tiġi opposta b'sempliċi preskrizzjoni estintiva; imma b'dik akwisitiva, koinvolġenti l-possess tal-eċċipient, sja pure skompanjat minn titolu u minn buona fede; (Kollez. XXIX, II, 736);

Ikkunsidrat;

Li, meta saret il-konċessjoni "de quo", almenu tnejn mill-konċedenti ma pprestawx il-kunsens tagħhom fuq l-att, u għalhekk in vista tal-promessa "de rato", u tan-nuqqas ta' konkors ta' dan il-kunsens, u sakemm dana jiġi pruvat, għall-fini biss tal-preskrizjoni, ma jistax jingħad li ż-żmien utili, beda jiddekorri mill-ġurnata tal-att, iżda, pjuttost, dana ż-żmien baqa sospis, u jibqa sospis sakemm ma tiġix ppruvata r-ratifika, u għalhekk trattandosi ta dritt kondizjonali l-preskrizzjoni tant estintiva kemm akwisitiva għandha tiġi meqjusa sospisa għaliex għadu ma bediex jiddekorri ż-żmien meħtieġ għall-maturazjoni tagħha (art. 2230 (a) Kod. Ċiv.);

Li, għar-rigward, imbagħad tal-garanzija ipotekarja tal-paċifiku possess il-venditur bi "promessa de rato" ikun qiegħed jittrasferixxi mhux biss kondizzjonalment għar-ratifika tas-suppost kostitwent tiegħu, iżda mingħajr l-awtorizzazjoni espressa li jissoġġetta il-beni tiegħu għall-garanzija ipotekarja tal-paċifiku godiment tal-fond trasferit favur il-kompratur (art. 1965 (2) tal-Kodiċi Ċivili),

u, fi kwalunkwe każ, l-ipoteka bħala aċċessorju tal-obbligazzjoni jekk dina l-aħħar tkun kondizzjonali għandha titqies ukoll bħala tali, u ma jkollhiex l-effett ġuridiku tagħha jekk mhux wara l-avverament tal-kondizzjoni (art. 2119, Kod. Ċiv.) b'mod li għandu jiġi nferit li l-venditur bi promessa "de rato" ma jkunx qiegħed jiffornixxi l-garanzija rikjesta mill-artikolu 1458, 1459 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk anki taħt dana l-aspett salvo dak li sejjer jingħad aktar l-isfel il-kompratur ikun qiegħed dejjem "alla merce" tal-venditur, sakemm dana ma jirratifikax il-bejgħ, mingħajr ebda dritt ta' rivolsa għad-danni u tar-rimbors, talprezz versat fil-każ ta' evizzjoni jew molestja;

Li il-Qorti, pero, tirravisa fil-figura ġuridika tal-promessa "de rato", mhux l-elementi tal-mandat, li huwa kuntratt veru u proprju, iżda dawk tal-"gestjone di affari", li hija l-kwasi kuntratt kontemplat fl-art. 1055 tal-Kodiċi Ċivili; infatti l-promittent "de rato" ma jgħamelx ħaġa oħra ħlief assuma volontarjament il-fatt ta' ħaddieħor, mingħajr ma rċeva ebda fakolta mingħand l-interessat; u billi dina hija obbligazzjoni li tifforma ruħha mingħajr ebda konvenzjoni, mhuwiex anqas meħtieġ għall-validita tagħha il-kunsens ta' min jiġi obbligat; u għalhekk anqas m'għandha tiġi konfusa mal-mandat taċitu. Jekk il-proprjetarju ma jkunx jaf inizjalment bl-intrapriża li saret favur tiegħu; jekk imbagħad, wara l-adempiment tal-obbligazzjoni, jintervienu ċirkostanzi u fatti li jinduċu l-konoxxenza fil-proprjetarju tal-ġestjoni kompjuta fl-interess tiegħu allura jitwieled il-kwasi kuntratt, li jobbliga lill-proprjetarju għal dak kollu li taċitament ikun għamel il-ġerenti tiegħu.

Ikkunsidrat:

Li, taħt dana l-aspett, il-promessa "de rato" ma tir-

rappresentax aktar obbligazjoni kondizjonata għal ratifika, iżda kwasi-kuntratt, li jobbliga fil-konfront tat-terzi kontraenti, purke dana jkun sar leċitament u mhux bi preġudizju tal-interessat;

Li, barra minn hekk, l-obbligazjoni in desamina għandha validita legali, għaliex il-liġi tikkontempla każ anaologu fl-art. 1042(2) Kodiċi Ċivili fejn jingħad li wieħed jista' jobbliga ruħu lejn l-ieħor, billi jwiegħed xi ħaġa li għandha tiġi magħmula minn persuna oħra. Dina d-disposizjoni tal-kodiċi tagħna hija analoga għal dik tal-art. 1129 tal-Kodiċi Ċivili Taljana, u tal-art. 1120 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż, u għalhekk huma applikabbili għaliha l-prinċipji enunċjati mid-dottrina ġuridika u mill-ġurisprudenza esteri (v. Giorgi Obbligazioni Vol. III, para 303 e segg. — Laurent Dto. Civ. Vol. XV, 539; Pacifici Mazzoni vendita, Vol. I No. 104; Ricci — Dto. Civ., Vol. VII No. 110, pag. 196 (Ediz. 1907); Pothier-Trattato delle Obbligazioni, No. 56; Demolombe — Trattato di Dto. Civ. Vol. Nri. 208, 214; Fadda, 1129 No. 31), li jirrikonoxxu l-validita tal-obbligazjoni simili; liema validita tinsab ukoll rikonoxxuta mit-Tribunali tagħna (ara Kollez. Vol. XXXIII, I, 90);

Li miċ-ċirkostanzi kollha jista' jingħad li ma jeżistix fil-konvenut "quel timore ragionevole di molestia futura basato sopra un diritto di proprieta ad altro diritto reale sulla cosa, a cui un terzo, pretenda, o per effetto del quale il compratore potrebbe in tutto o in parte essere evitto dalla medesima (Collez. XXV, I, 435).

Li għalkemm il-preskrizjoni fuq riferita ma tidhertx biżżejjed rassikuranti biex tikkonvalida d-dritt tal-proprjeta fl-akwirent bi "promessa de rato", eppure id-durata ta' żmien u s-silenzju tal-konċedent u l-pussess indisturbat

f'idejn il-kompratur tal-fond lilu hekk trasferit bin-natura tal-obbligazjoni huma ndiżji korroboranti u suffiċjenti biex jinduċu fil-konvenuti dik iċ.-ċertezza li huma ma humiex sejrin jinkorru fil-perikolu ta' ebda evizzjoni, fil-każ li jixtru l-fond li jifforma l-oġġett tal-promessa vendita in kontestazjoni; liema ċertezza tinsab aktarx rafforzata mill-konsiderazjoni li l-parti nteressata għandha tesegwixxi l-obbligazjoni li għaliha jkun indaħal il-ġerenti (art. 1061 (Kod. Ċiv.);

Li inoltri l-opposizjoni tal-konvenuti mhijiex ġustifikata għaliex ma ġiebu l-ebda prova biex juru li dina l-ġestjoni d'affari saret bi preġudizju għall-interessat, u mingħajr ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja; u anki f dawna l-każi, u f'dak ta' projbizjoni espressa tal-parti nteressata, l-obbligazjoni assunta tibqa sseħħ taħt il-modalitijiet kontemplati fl-art. 1059 tal-Kodiċi Ċivili, u l-ġerent jibqa soġġett għall-adempiment ta' dik l-affari u ta' kull ma jiddependi minnha u għall-obbligazjoni kollha li jġib miegħu mandat (art. 1056 tal-Kod. Ċiv.).

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u il-petizjoni tagħhom għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza u għaċċaħda tat-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat li issottometta illi s-sentenza denunċjata hi ġjusta u jistħoqqilha li tiġi konfirmata;

Rat in-nota ta' l-attur u dik tal-konvenut rispettivament;

Rat l-attijiet l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li tgħaw lok għall-kawża huma fil-qosor dawn:

In forza ta' skrittura in data tmienja (8) ta' Marzu, 1961, il-konvenut Carmelo Pace obbliga ruħu li jixtri, għalih u għal konvenuti l-oħra — ħutu — mingħand l-attur, it-terran, ossia aħjar, is-sub-utili dominju perpetwu tat-terran deskritt fl-att ta' ċitazzjoni. Dan it-terran kien ġie akwistat mil-attur kwantu għal tliet kwarti indivisi mingħand Lawrence u Giuseppa aħwa Scicluna u missierhom Carmelo u kwantu għal kwart indiviż l-ieħor mill-eredità illikwida ta' Conċetta Scicluna.

L-istess fond kien ġie mibni mill-imsemmi Carmelo Scicluna waqt iż-żwieġ tiegħu ma' l-imsemmija Conċetta mwielda Baldacchino fuq porzjon ta' art li in atti Angelo Cachia tat-tmintax (18) ta' Ottubru, 1929, hu kien akkwista b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa mingħand Giuseppa mart Gio Batta Schembri u l-istess Gio Batta Schembri f'ismu proprju u bħala mandatarju ta' ulideu Giuseppe Emmanuele, Arturo, Carmelo Antonio, Rosaria mart Francesco Camilleri, Filomena mart Francesco Attard, u f'isem uliedu oħra Ruggiero u Ersilia Scalpello bil-promessa "de rato" da parti ta' dawn it-tnejn fl-aħħar imsemmijin.

Imsejħħa mill-attur biex jaddivienu għall-kuntratt talbejgħ skond l-iskrittura fuq riferita tat-tmienja (8) ta' Marzu, 1961, il-konvenuti irrifjutaw, billi, kif qalu fl-ewwel nota ta' l-eċċezjonijiet tagħhom u fid-dikjarazjoni akkompanjanti dik l-istess nota, in segwitu għal riċerki li kienu għamlu kien irriżultalhom li l-attur ma kienx fi grad li ibgħelhom b'titolu art għaħliex hu stess kien xtara mingħand vendituri li kienu proprjetarji ta' parti mill-fond u

mhux tal-fond intier. Kif irriżulta waqt it-trattazjoni tal-kawża il-konvenuti jirritienu li l-attur ma jistax ibgħelhom b'titolu ċert, u għalhekk ma jistax iggarantilhom il-paċifiku possess tal-fond, il għaliex l-imsemmijin Ruggiero Schembri u Ersilia Scalpello ma irratifikawx il-bejgħ li missierhom Gio Batta Schembri kien għamel favur Carmelo Scicluna bil-wegħda ta-ratifika ta' dak il-bejgħ da parti ta' dawna.

Ikkunsidrat:

L-ewwel Qorti, fis-sentenza fuq imsemmija, wara li kkunsidrat jekk l-assunzjoni tal-garanzija għal terza persuna fil-promessa tal-fatt ta' dik il-persuna tistax tiġi ekwiparata għal assunzjoni ta' mandat jew għal kwasi kuntratt ta' ġestjoni ta' affari, waslet għal konklusjoni illi dik l-obbligazjoni hi kwasi kuntratt li jobbliga fil-konfront tat-terzi kontraenti purche dan ikun sar leċitament u mhux bi preġudizzju ta' l-interessat, u inoltre li dik l-istess obbligazjoni għandha "validita legali billi il-liġi tikkontempla każ analogu fl-artikolu 1042 (2) tal-Kodiċi Ċivili; u, għalkemm waslet ukoll għall-konklużjoni li l-preskrizjoni kontemplata fl-artikolu 2248 ta' l-istess kodiċi ċitat" ma tidhirx biżżejjed rassikuranti biex tikkonvalida d-dritt ta' proprjeta fl-akkwirent mingħand min ma kienx proprjetarju imma li ttrasferilu bil-garanzija jew promessa "de rato", iżda irriteniet li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari — id-durata ossia it-tul taż-żmien; is-skiet tal-konċedent, il-pussess indisturbat tal-fond da parti tal-kompratur lilu trasferit bl-imsemmija promessa — huma indiżi suffiċjenti biex jinduċu fil-konvenuti ċertezza li mhumiex sejrin jinkorru fil-perikolu ta' ebda evizjoni fil-każ li jgħaddu għax-xiri tal-fond, liema ċertezza, skond l-ewwel Qorti, li, kif intqal, sabet li l-garanzija għal terza persuna, bil-promessa tal-fatt ta' dik il-persuna, hi ekwiparabli għal kwasi kuntratt fuq imsem-

mi, tinsab rafforzata mill-konsiderazzjoni li l-parti interessata għandha tesegwixxi l-obbligazjoni li għaliha jkun indaħal il-ġerenti.

Il-konvenuti appellanti jiċċensuraw din is-sentenza għar-raġuni li biha ġie ritenut illi l-bejgħ fuq imsemmi, li permezz tiegħu l-aventi kawża ta' l-attur kienu akkwistaw il-fond, ossija l-isħma tal-fond appartenenti lil imsemmijin Ruggiero Schembri u Ersilia Scalpello bil-promessa "de rato" da parti ta' dawna, kien validu għaliex magħmul in forza tal-kwasi kuntratt ta' ġestjoni ta' affari. billi, skond il-liġi, kif l-appellanti jgħidu li qalet l-ewwel Qorti, b'dan il-kuntratt wieħed jista jwiegħed il-fatt — fil-każ preżenti wiegħed il-bejgħ ta' ħaġa — ta' ħaddieħor. L-appellanti jissottomettu illi n-"negotiorium gestio" tirrigwarda biss l-obbligazjonijiet għall-amministrazjoni, fil-waqt li l-bejgħ hu att ta' dominju u mhux att ta' amministrazzjoni, u għalhekk il-bejgħ ta' immobli min-"negotorium gestor" hu "ultra vires" u kwindi null; u, riferibilment għal wegħda talfatt ta' ħaddieħor l-appellanti ssottomettew illi dina biex ikollha effett tirrikjedi ir-ratifika ta' dik it-terza persuna li għaliha tkun saret il-promessa u mingħajr dik ir-ratifika il-promessa tibqa mingħajr effett — u fil-każ preżenti. kwindi, it-trasferiment ma jgħoddx — ħlief li l-promettenti jkun tenut għall-indennità.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taħsibx li, għad-definizjoni tal-kwistjoni formanti l-oġġett ta' din il-kawża, hemm bżonn li tidħol fil-kwistjoni jkk l-obbligazjoni ta' dak li jobbliga ruħu għal terza persuna billi jipprometti il-fatt tagħha hix ekwivalenti għal dik ta' mandatarju jew ta' ġestur ta' negozju; iżda peress li l-ewwel Qorti daħlet fiha u għalhekk ġiet diskussa fil-petizjoni u fit-trattazjoni ta' dan l-appell, tħoss

li għandha tirrileva illi dik l-obbligazjoni ma tantx tista' tkun ekwivalenti la għal mandat u lanqas għal kważi kuntratt ta' ġestjoni ta' affari u dan għaliex f'każ ta' kontrattazjoni f'isem ta' persuna li ma tkunx tgħat prokura, din mhix obbligata mingħajr prokura u hija kwindi r-ratifika li tagħmel il-mandat u allura hija din ir-ratifika li tista tissejaħ ekwivalenti għal mandat, u dan ikollu effett retroattiv għal jum li fih tkun saret il-promessa; imma jekk ir-ratifika mas-sirx l-ebda vinkolu ma jista jkun hemm għal dik il-persuna li ma tkunx tgħat prokura; liema ipotesi lanqas ma tista' tirrafigura eżattament ġestjoni ta' affari għaliex hawn il-persuna li n-negozju tagħha jkun ġie ġestit hi obbligata sempliċement u biss għaliex in-negozju tagħha jkun ġie utilment ġestit mingħajr bżonn ta' ebda ratifika da parti tagħha, u kwindi il-promessa u lis-stipulazjoni għal terza persuna ma jistgħux ifissru ġestjoni ta' affari il-għaliex fil-waqt li f'dak il-każ hi neċessarja ir-ratifika biex dik it-terza persuna issir obbligata u dana ċertament ifisser li mingħajr dik ir-ratifika dik il persuna mhix vinkolata, f'każ ta' ġestjoni ta' affari jissuċċedi, inveċi, li l-persuna interessata tkun vinkolata u jkollha tesegwixxi l-obbligazjonijiet li f'isimha jkun ikkontratta dak li indaħal jekk l-affari tkun ġiet immexxija tajjeb (art. 1061, Kodiċi Ċiv.).

L-obbligazjoni li wieħed jassumi lejn ieħor billi jwiegħed xi ħaġa li għandha tiġi magħmula minn persuna oħra — dak li ġara fil-kuntratt fuq imsemmi in atti Cachia tat-tmintax (18) ta' Ottubru 1929 riferibilment għas-sehem ta' Ruggiero Schembri u għas-sehem ta' Ersilia Scalpello — hi rikonoxxjuta fit-tieni paragrafu tal-artikolu ~~1042~~ tal-Kodiċi Ċivili. Dana l-artikolu, wara li fl-ewwel paragrafu tiegħu jgħid li "Ħadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbligaruħu jew jikkuntratta ħlief għalih innifsu", fit-tieni para-

grafu jgħid li "B'dana kollu wieħed jista' jobbliga ruħu lejn ieħor billi jwiegħed xi ħaġa li għandha tiġi magħmula minn persuna oħra; iżda f'dan il-każ, jekk din il-persuna l-oħra ma tkunx trid tesegwixxi l-obbligazjoni, dak li jkun obbliga ruħu jew wiegħed it-twettiq ta' l-obbligazjoni ikun soġġett biss għal-ħlas tal-ħsara."

Jidher ċar mill-kliem adoperat mil-liġi li għalkemm it-tieni paragrafu, minħabba il-kelma "B'dan kollu", jista' forsi juri li jagħmel eċċezjoni għar-regola kontenuta fl-ewwel paragrafu, iżda fil-fatt ma jagħmel ebda eċċezjoni għal dik ir-regola billi min jiggarantixxi jew jipprometti il-fatt ta' ħaddieħor ikun fil-fatt qiegħed jiggarantixxi (mhux jgħamilha ta' fide jussur) jew jipprometti pjuttost il-fatt tiegħu milli dak tat-terz; l-obbligazjoni li tiġi formata jkollha bħala oġġett mhux ġja il-fatt tat-terz imma il-fatt proprju tal-promittent għaliex dan jobbliga ruħu li jipprokura l-obbligazjoni ta' dik it-terza persuna. In somma, id-disposizjoni tat-tieni paragrafu ta' l-artikolu ċitat tfisser illi, fl-impossibilita li jkun hemm obbligazjoni għal-kariku ta' persuna li ma tgħatx mandat għal dan l-iskop jew li għaliha wieħed ikun aġixxa mhux bħala ġestur ta' affari, ikun jista' almenu jinħoloq kuntratt għal kollox divers li għalih dak it-terz li wieħed ikun irid jobbliga jibqa estraneu, imma, għal prattiċita, jiġi in parti supplit għal dan id-difett ta' vinkolu obbligatorju għal dan it-terz.

Skond il-liġi kwindi hu permess li wieħed jobbliga ruħu għal ħaġa li għandha tiġi esegwita minn ħaddieħor; iżda dik l-obbligazjoni hi vinkolanti "inter kontraentes", u jkollha kwindi effett legali biss jekk tiġi ratifikata minn dik il-persuna l-oħra li tista tesegwiha: jekk dik il-persuna ma tirrikonoxxix u ma tirratifikax dik l-obbligazzjoni, l-istess tibqa' mingħajr effett.

Fil-każ presenti m'hix ħaġa ta' kuntrast bejn il-kontendenti li ma saret qatt ratifika f'forma solenni, jiġifieri permezz ta' att pubbliku da parti ta' l-imsemmijin Ruggiero Schembri u Ersilia Scalpello; iżda l-attur jippretendi — kif jirriżulta speċjalment minn nota tiegħu — illi din ir-ratifika wieħed jista' jirrikavaha:

(1) Mill-fatt — li hu offra li jipprova permezz tat-testimonjanza ta' Antonio Schembri — illi l-istess Antonio Schembri li kien il-prokuratur tal-famiglia Schembri li oriġinarjament fil-1929, kienet tagħti b'subenfitewsi l-art, kien jirċevi regolarment is-subċens u kien iqassmu bejn l-interessati kollha fosthom l-imsemmijin Ruggiero Schembri u Ersilia Scalpello;

(2) Mill-fatt li b'żewġ kuntratti in atti Francis Micallef tal-erbatax (14) ta' Lulju 1962 u tal-għoxrin (20) ta' Ottubru, 1962 l-attur akkwista mingħand il-familja Schembri, kompliżi l-imsemmi Ruggiero Schembri u t-tfal ta' l-imsemmija Ersilia Scalpello, mejta, is-subdirett dominwi perpetwi u annwu sub-canone ta' tnejn u għoxrin lira (£22) impost foq il-klawsura tal-Lombardi fil-Marsa fuq liema klawsura jinsab it-terran fil-kwistjoni.

Inoltre, l-attur appellat jirrileva illi minn meta sar il-kuntratt fuq imsemmi ta' subenfitewsi in atti Cachia tat-tmintax (18) ta' Ottubru, 1929, li fih saret il-promessa "de rato" riferibilment għall-isħma ta' l-imsemmijin Ruggiero Schembri u Ersilia Scalpello, għaddew iktar minn tletin sena mingħajr qatt ma hu jew l-awturi tiegħu irċevew xi reklam sija mingħand Ruggiero Schembri sija mingħand Ersilia Scalpello jew mingħand il-werrieta tagħha.

Riferibilment għal dan l-aħħar riljev, kif jidher ċar

minn dak li l-attur espona fl-imsemmija nota tiegħu, hu ma għamlux biex jinvoka formalment il-preskrizjoni, imma pjuttost biex bih juri li hemm ir-ratifika taċita; u, inveru, fil-waqt li jipperdura l-istat ta' pendenza fl-akkwirent ta' ħaġa ta' terz bil-promessa "de rato" ta' dana — kif fil-każ presenti, inattesa kull ratifika taċita għar-raġuni li tingħata aktar il-quddiem — l-akkwirent għad ma għandux dak id-dritt speċifiku li jikkostitwixxi il-fini tan-negozju ġjuridiku; liema dritt ikollu bir-ratifika u jekk dina ma ssirx id-dritt tiegħu hu dak biss lilu rikonoxxut fl-imsemmi tieni paragrafu ta' l-artikolu 1042 tal-Kodiċi Ċivili, u min ikollu kawża minnu jassumi l-istess kwalita tiegħu u mhux oħra u indipendenti ta' terz possessur biex jisfuġġi mill-impediment li jippreskrivi.

Kwantu għar-ratifika li l-attur jara taċitament risultanti mill-fatt li offra li jipprova bix-xhieda ta' Antonio Schembri, dina ma tistax tiswa, għaliex, sebbena ir-ratifika tat-terz ma għandha xejn x'taqsam mar-ratifika li minnha jittratta l-artikolu 1274 tal-Kodiċi Ċivili, invokat mill-appellant, billi fil-waqt li din hija pjuttost konferma u għandha bħala oġġett li tneħħi il-vizju li kien jirrendi nulla l-obbligazjoni, ir-ratifika tat-terz hija sempliċi dikjarazjoni ta' volonta, manifestazjoni tal-kunsens tiegħu, u kwindi tibqa' fil-konfini tad-dritt komuni, ġja la darba l-liġi ma tokkupax ruħha minnha; iżda ma hemmx dubbju li meta l-promessa tkun kontenuta f'att pubbliku u fil-każ presenti neċessarjament, skond il-liġi, kella tiġi magħmula permezz ta' att pubbliku, il-kunsens tat-terz għandu jiġi prestat fl-istess forma.

Kwantu għal dak li jirriżulta mill-kuntratti fuq riferiti, anki kieku kella tiġi ammessa f'dan l-istadju tal-kawża il-prova li trid issir per mezz tagħhom, jibqa dejjem li r-

ratifika per mezz ta' att pubbliku, kif għandha ssir da parti ta' l-imsemmijin Ruggiero Schembri u Ersilia Scalpello, jew tal-werrieta ta' dina peress li mietet, u, kif, ġja ntqal, ir-ratifika taċita fil-każ preżenti mhux attendibili. L-akkwist da parti ta' l-attur tas-subdirett dominju perpetwu ta' l-art li fuqhu mibni il-fond fil-kwistjoni jirrendi naturalment iktar remota il-possibilita ta' l-evizjoni fil-każ li l-konvenut jixtri l-fond; imma sakemm hemm dik il-possibilita li ma jkollux il-paċifiku godiment tiegħu huwa jista' jgħid, skond il-ġurisprudenza prevalenti, li għandu ġjusta kawża jirresilixxi mill-promessa tiegħu li jixtrih. Anki imbagħad jekk wieħed jasal biex jara, in vista ta' dan l-akkwist, l-impossibilita, jew kwasi, ta' dik l-evizjoni, u imqar ir-ratifika tal-promessa, jibqa' dejjem li dina tiġi li saret wara li skadenza taż-żmien tal-promessa tal-komprovendita, meta il-partijiet kienu maħlula mill-promessa reċiproka tagħhom. Hu, difatti, paċifiku fil-ġurisprudenza illi meta wieħed għandu motiv ġjust biex jirresilixxi minn dik il-promessa, ma tistax il-parti l-oħra, bir-rimozzjoni ta' dak il-motiv wara li jkun skada iż-żmien tal-promessa tobbligah jesegwiha.

Għall-motivi premessi:

Tilqa' l-appell fis-sens li tirriforma is-sentenza denunċjata billi tirrevokaha in kwantu laqgħat it-talbiet ta' l-attur u nnominat nutar biex jirċevi u jippublika l-att tattrasferiment u kuratur għar-rappresentanza tal-kontumaċi f'dak l-att, billi, inveċi, tiċħad dawk l-istess talbiet u tirriformaha wkoll fid-deċiżjoni tal-kap ta' l-ispejjeż billi tikkonfermaha in kwantu ordnat illi l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; imma tirriforma l-ordni riferibilment għad-dritt tar-reġistu billi tiddisponi li dana jitħallas mill-kontendenti nofs kull wieħed.

Anki l-ispejjeż ta' dan l-appell, minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari, jibqgħu mingħajr taxxa bid-dritt lir-reġistru għak-kariku tal-kontendenti nofs kull wieħed.